MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 1170/2003/1

**Ideacasa Company Limited**

**vs**

**Joseph u Christine konjugi Formosa u Diamond Promotions Co. Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' April, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Gunju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sittin lira Maltija (Lm760.00), fejn intqal illi:
Premess illi s-socjeta` attrici hija impurtatrici ta' ghamara domestika;

Premess illi s-socjeta` attrici bieghet lill-konvenut sett sufanijiet tal-valur totali ta’ elf mija u ghaxar liri maltin (Lm1,110.00), versu pagament akkont u l-hrug ta’ tmintax-il kambjala, originali annessi mal-avviz, rapprezentanti bilanc u imghax bir-rata kalkolata ta’ sebgha fil-mija (7%) fis-sena;
Premess illi l-ebda wahda mill-kambjali in kwistjoni ma thallset, ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi ghall-pagament, u ripetutament ammettew id-debitu taghhom;
Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m’ghandux dan it-Tribunal jikkundannahom: i. ihallsu s-somma ta’ seba’ mija u sittin lira Maltija (Lm760.00) u ii. Ihallsu l-imghax kummercjali legali mid-dati tar-ripetittivi skadenzi u l-ispejjez legali.

Sema’ x-xhieda ta’ Anthony Sammut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:
1. Illi l-konvenuti baqghu ma dehrux fid-data meta il-kawza kienet thalliet ghall-provi taghhom.
2. Il-kambjalijiet relattivi skadew fit-12 ta’ kull xahar konsekuttiv mit-12 ta’ Awissu, 2001 sat-12 ta’ Jannar, 2003.
2. L-ammont mitlub mis-socjeta` attrici jirrizulta li ghadu dovut mis-socjeta` konvenuta li fuqha saru l-kambjali esebiti. Sussegwentement hija biss is-socjeta` konvenuta li ghandha taghmel tajjeb ghall-hlas tal-kambjali, u mhux il-konvenuti personalment.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, it-Tribunal filwaqt illi jillibera lill-konvenuti Joseph u Christine konjugi Formosa mill-osservanza tal-gudizzju, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Diamond Promotions Co. Ltd. thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ seba’ mija u sittin lira Maltija bl-imghaxijiet kummercjali mill-iskadenza ta’ kull kambjala.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta Diamond Promotions Co. Ltd., hlief

ghall-ispejjez tal-konvenuti Joseph u Christine konjugi Formosa li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici."

L-obbjezzjoni tas-socjeta` attrici kontra din is-sentenza hi wahda prettament ta' natura legali. Hi tikkontendi illi t-Tribunal ma kellux jillibera lill-konvenuti konjugi Formosa mill-osservanza tal-gudizzju gjaladarba dawn kienu avvallaw il-kambjalijiet;

Bla dubju dan l-aggravju hu sew fondat fil-ligi;

Jinsab stipulat fl-Artikolu 169 tal-Kodici tal-Kummerc illi, " ... il-hlas ta' kambjala jista' jigi garantit b' avall, li hu l-obbligazzjoni ta' terza persuna." Jissoka jigi precizat fl-Artikolu 171 ta' l-istess Kodici illi "dak li jaghti l-avall hu obbligat *in solidum* u bl-istess mod li huma obbligati t-traent u l-giranti, jekk il-partijiet ma jkunux ftehmu xort' ohra";

Fil-kaz in ezami dan l-avall inghata mill-konjugi Formosa fuq il-kambjalajiet stess, kif hekk hu mahsub bl-Artikolu 170 tal-Kapitolu 13, fost modalitajiet ohra. Ara r-*retro* tal-kambjalijiet *de quo* esebiti minn fol. 2 sa fol. 7;

Jibda biex jigi osservat illil l-possessur ta' titolu ta' kreditu, bhal dak kostitwit b' kambjala, basta li din tkun konformi ghall-forma preskritta mil-ligi, ghandu favur tieghu l-presunzjoni legali relattiva ghat-titolarita` tad-dritt stabbilita bid-dokument. In kwantu tali dan jikkonferilu l-jedd li jinsisti ghall-adempiment tal-prestazzjoni u l-ezigibilita` tal-hlas indikati fl-istess dokument. Jispetta lill-konvenut l-oneru li jipprova l-bazi ta' eventwali eccezzjoni li tikkolpixxi d-dokument innifsu. Dan huwa pacifiku. Ara, fost ohrajn, decizjonijiet fl-ismijiet "**Falcon Ltd -vs- Carmelo Ciappara**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u "**United Acceptances Finance Ltd -vs- Mario Grech *proprio et nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000. Fil-kaz taht konsiderazzjoni l-konvenuti mhux biss ma ssollevawx

eccezzjoni konsimili izda addirittura baqghu passivi u ma ressqu l-ebda eccezzjonijiet;

Dan premess, l-Imhallef Salvatore Schembri fis-sentenza fl-ismijiet "**Negozjant Paolo Gatt -vs- Farmacista Amabile Bartolo *et***", (Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Jannar 1939, **Kollez. Vol. XXX P III p 416**) jispjega, a propozitu ta' l-avall illi, "in-natura guridika ta' l-'avallo' hija l-obbligazzjoni kambjarja, diversa mill-fidejussjoni, peress illi l-fidejussjoni hija ta' natura accessorja u ma tistax tkun hlief ghall-obbligazzoni wahda, mentri l-avallant jassumi huwa stess l-obbligazjoni diretta ghal pagament tal-kambjali, anke jekk l-obbligazzjoni kambjarja garantita minnu ma tkunx valida, jew tispicca";

Fuq l-insenjament tal-**Vivante** ("Trattato di Diritto Commerciale", Vol. III para. 1227), citat f' din l-istess sentenza, jinsab espress illi "*l' obbligazione dell' avallante è una obbliazione cambiaria che l' avallante assume direttamente verso ogni possessore del titolo. Al pari di tutte le obbligazioni cambiarie, quando esiste nelle forme legale, è una obbligazione autonoma, e quindi l' avallante non puo opporre al possessore le eccezioni dell' avallato; esse sono eccezioni 'de jure tertii' ...*". U f' para. 1228 jinghad li "*per esercitare e conservare i diritti cambiari contro il debitore d' avallo, il possessore della cambiale non ha da compiere alcuna speciale formalita` contro di lui; egli ha fornito il suo compito quando ha compiuto tutti gli atti necessari per conservare l' azione cambararia verso la persona per cui l' avallo fu dato; le formalita` che preservano il suo diritto contro l' avallato sono sufficienti a preservare il suo diritto contro l' avallante ...*";

Gjaladabra ghalhekk hi l-ligi stess li tipprovdi li l-avallant hu meqjus debitur *in solidum*, ifisser li l-azzjoni tas-socjeta` attrici giet sewwa diretta kontra l-accettant tal-kambjalijiet fil-veste tas-socjeta` konvenuta u kontra l-avallanti konjugi Formosa. Ifisser ghalhekk li anke dawn huma obbligati li jaghmlu tajjeb ghad-debitu shih favur is-socjeta` attrici kreditrici.

Ghal dawn il-motivi, l-appell interpost qed jigi milqugh u s-sentenza appellata riformata fis-sens illi thassarha fejn illiberat lill-konjugi Formosa mill-osservanza tal-gudizzju u minflok takkolji t-talba attrici kif dedotta anke fil-konfront tal-konvenuti Joseph u Christine konjugi Formosa. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------